MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1643/2002

**Strand Electronics Limited**

**vs**

**Aluminium Extrusions Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm947.28), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, ta' servizzi rezi u ta' kiri ta' makkinarju;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 t'April, 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-konsenja.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Settembru, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi l-ammont mitlub minnha huwa eccessiv kif ser jigi pruvat waqt il-mori tal-kawza;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fid-9 ta' Jannar, 2003, li biha irriduciet l-ammont mertu tal-kawza ghal mitejn u tlettax-il lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm213.94).**

**Ra n-nota tas-socjeta` konvenuta prezentata wara n-nota ta' riduzzjoni, li biha l-istess socjeta` ammettiet it-talba attrici hekk kif ridotta.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici kif ridotta, limitatament fis-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm213.94), u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma msemmija ta' mitejn u tlettax-il lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm213.94) bl-imghax legali mis-17 ta' Lulju, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 t'April, 2002, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------